# TELLA' L-BAJDA U L-ĦAMRA FUQ L-GĦOLJA TAL-ĦELSIEN





> "Forsi fil-filmati ma tantx nintgħaraf nigbed il-ħabel, iżda dik li tara l-bandiera ta' pajjiżek tielgħa 'l fuq tperper hija esperjenza wisq sabiħa

Kien dak li tella' l-bajda u l-ħamra fuq l-għolja tal-ħelsien fil-lejla ta' bejn il-31 ta' Marzu u 1 t'April 1979. Lil Alfred Xuereb, li llum jgħodd 85 sena nċempillu u twieġibni martu. "Fred ara xi jriduk," tgħidlu b'ton ħelu. Alfred jaqbad it-telefon u nistaqsih biex nintervistah fuq l-avveniment storiku tal-Ħelsien. "Jien pensjonant, ejja meta trid, il-ħin kollu tiegħek," qalli Alfred li mbagħad staqsieni x'se jilbes għal din l-intervista li se tixxandar ukoll fuq l-aħbarijiet ta' ONE.

Kif dħalna ġo daru f'Wied il-Għajn, is-Sur Xuereb laqagħna ġo daru. Feraħ bina tgħidx kemm, kien onorat li se jkun intervistat wara 40 sena mill-kisba tal-ħelsien. Martu għamlitilna l-kejk u fuq wara kien hemm waħda min-neputijiet ta' Fredu li tgħidx kemm hi kburija b'nannuha.

Ma' Alfred nibdew l-intervista u nistaqsuh dwar kif kien proprju hu li ġie magħżul biex itella' l-bandiera Maltija wara li tniżżlet dik tar-Renju Unit. Fil-pront jgħidilna li miegħu kien hemm tnejn oħra, Boxall mill-Birgu u pulizija Ħamruniż. Fuq kollox jispjega kif huwa kien jaħdem it-Tarzna u dik il-ġimgħa għajjatlu xi ħadd li riduh fl-uffiċċju ġenerali tat-Tarzna. Filwaqt li hu nħasad għax ħaseb li ġara xi ħaġa, ra nies bħal Salvu Sant ħerġin minn laqgħa. Dan qallu li fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd li ġej hu kellu jkun fuq il-monument tal-Ħelsien biex itella' l-bandiera Maltija. "Tgħidlix le, trid tiġi," spjegali Alfred Xuereb li saħaq li ma kellux għażla.

B'passjoni liema bħala hu u jirrakkonta din il-ġrajja tant sabiħa, Xuereb jgħid li qatt ma basar li proprju kien se jkun hu li jtella' l-bajda u l-ħamra. "Kont ili nisma' fuq il-ħelsien ta' Malta iżda fejn qatt bsart li kelli nkun jien li ntella' l-bandiera Maltija." Dak iż-żmien Malta kienet indipendenti iżda l-bandiera tar-Renju Unit baqgħet preżenti b'mod kostanti kompla jispjegali Xuereb.

Staqsejtu jekk kinitx saret xi prova qabel din iċ-ċerimonja tant importanti li baqgħet titfakkar fl-istorja ta' Malta, Alfred qalli li iva. "Konna morna lejliet intellgħu l-bandiera u dakinhar iltqajt mal-baħri Ingliż li kellu jniżżel il-bandiera tar-Renju Unit." Alfred żied jgħidli li l-baħri li kien ikun għassa fuq l-H.M.S London, l-aħħar bastiment navali Ingliż li salpa mill-Port il-Kbir l-għada tal-Ħelsien, qallu li kien imdejjaq li kien inkarigat li jniżżel il-bandiera ta' pajjiżu. "Ma riedx jagħmilha akkost ta' kollox imma kellu jobdi lill-ammirall." Xuereb żied jgħidli li biex ittella' l-bandiera ta' pajjiżek tagħmilha bil-qalb kollha imma biex tniżżilha tħossha iebsa.

Filwaqt li jirrakkonta kemm il-Birgu kien miżgħud bin-nies minkejja t-temp xejn favorevoli li kien hemm dakinhar, Alfred jgħid li dakinhar kien ferħan se jtir. "Jien kont eċitat u Mintoff deher wisq għal qalbu." Jgħid li wieħed mit-tfal tiegħu ħbielu l-uniformi li kellu jilbes għaċ-ċerimonja biex jinkwetah ftit. "Forsi dan iċ-ċajt it-tifel wirtu mingħandi għaliex jien inħobb niċċajta ftit," jgħidilna Alfred. Jispjega li għal dakinhar kellu boiler suit apposta li żanżan għal dik l-okkażjoni.

Alfred Xuereb għalaq l-intervista magħna billi spjegalna kif ċemmu għadu jbaqbaq meta jara l-filmati taċ-ċerimonja tal-Ħelsien. "Forsi fil-filmati ma tantx nintgħaraf nigbed il-ħabel, iżda dik li tara l-bandiera ta' pajjiżek tielgħa 'l fuq tperper hija esperjenza wisq sabiħa," temm jgħid Alfred Xuereb.